MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1901/2003

**Mob*isle* Communications Limited**

**vs**

**Charlotte Vella**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-25 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm90.24) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mob*isle* Communications Limited skond Client Contract Number 6288 in rigward ghal servizzi lilha resi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Mejju 2002 u Jannar 2003.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-Avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli jtdher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disghin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm90.24), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 2003 u dawk tal-Mandat ta' Sekewestru prezentat kontestwalment ma l-Avviz ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------